

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-2 ta' Frar 2016 – Bon Net vs UASI – Aldi (Bon Appétit!)(Kawża T-485/14) ⁽¹⁾

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja Bon Appétit! — Trade marks nazzjonali figurattivi preċedenti Bon Anemú u Bon Apetí — Assenza ta’ probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)

(2016/C 098/50)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Bon Net OOD (Sofija, il-Bulgarija) (rappreżentant: A. Ivanova, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: S. Hanne u D. Walicka, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Aldi GmbH & Co. KG (Mülheim/Ruhr, il-Ġermanja) (rappreżentanti: L. Kolks, C. Fürsen, N. Lützenrath u U. Rademacher, avukati)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Awla tal-Bord tal-Appell tal-UASI, tal-14 ta' April 2014 (Każ R 1199/2013-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Bon Net OOD u Aldi GmbH & Co. KG.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Bon Net OOD hija kkundannata tbat i-ispejjeż tagħha kif ukoll daww sostnuti mill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) u minn ALDI GmbH & Co. KG.

⁽¹⁾ ĠU C 261, 11.8.2014.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Jannar 2016 – Stavytskyi vs Il-Kunsill(Kawża T-486/14) ⁽¹⁾

(“Politika estera u ta’ sigurtà komuni — Miżuri restrittivi adottati fir-rigward tas-sitwazzjoni fl-Ukraina — Iffriżar ta’ fondi — Lista ta’ persuni, entitajiet u korpi li għalihom japplika l-iffriżar tal-foondi u tar-rikors ekonomiċi — Inklużjoni tal-isem tar-rikorrent — Prova tal-fondatezza tal-iskrizzjoni fil-lista”)

(2016/C 098/51)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Edward Stavytskyi (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: J. Grayston, solicitor, P. Gjørtler, G. Pandey, D. Rovetta u M. Gambardella, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: V. Piessevaux u J.-P. Hix, aġenti)